**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 47/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Stephen Gatt)**

**Vs**

**CORONATO SIVE RENATO GALEA**

**Illum, 6 ta'Lulju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Coronato sive Renato Galea talli fid-19 t'Awwissu, 1999, ghal habta tas-01.00 a.m., geww l-Imsida :

1. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ;
2. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat ;
3. Hebb kontra l-persuna ta'Anthony Tabone sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara ;
4. Ikkaguna feriti ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'Anthony Tabone, skond kif iccertifikat minn Dr. Mariella Caruana.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-28 ta'Frar, 2001, li biha lliberat lill-Coronato sive Renato Galea peress li l-kwerelant naqas li jidher biex jikkonferma l-kwerela bil-gurament.

Rat ir-rikors ta'appell ta' l-Avukat Generali datat 9 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, u, minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija fl-appellat fl-akkuzi lilu addebitati, u tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-appellant Avukat Generali ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti erroneament illiberat lill-appellat Galea minhabba nuqqas ta'dehra tax-xhud

kwerelant Anthony Tabone, minkejja li giet esebita riferta pozittiva fil-konfront tieghu.

Kif dejjem u ripetutament gie deciz, meta hemm riferta pozittiva ta'xhud, meta tali xhud huwa indispensabbli, bhal ma jidher li kien il-kwerelant f'dan il-kaz, u dan ix-xhud ma jidherx, il-Qorti ma tistghax taqbad u b'mod ferm legger tiddeciedi l-proceduri billi tghid li stante li x-xhud ma dehrx (u allura wera nuqqas ta'interess fil-kawza li bdiet fuq rapport tieghu) allura tillibera lill-akkuzat. Kienet forsi tista' tghamel hekk kieku l-prosekuzzjoni ma kellhiex jew ma esebietx riferta pozittiva li turi li hi kienet ghamlet xogholha biex tharrek u tipproduci lix-xhud.

Fil-kaz prezenti, il-Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza, izda kellha rimedji ohra. Fi ftit kliem kellha kull opportunita' li tikkundanna lix-xhud ghall-disprezz lejn l-awtorita' taghha, tiddifferixxi l-kawza ghall-data ohra u tordna li ghal dik is-seduta x-xhud jingieb b'Mandat ta'Akkompanjament jew ta'Arrest ai termini ta' l-Artikoli 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali. Jekk ma jsirx hekk tinholoq is-sitwazzjoni fejn kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le (vide *Pulizija –vs- Domenico Savio Spiteri, App. Krim. Dec. 05/01/1996*). Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jisthoqqlu li jigi milqugh.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, u, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li dawn l-atti jerghu jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex hi tipprocedi bis-smiegh tal-kawza u decizjoni.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur